MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 480/2012

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-esponenti kien izzewweg lil CB detentrici tal-karta tal-identita` numru 697861(M) permezz tar-rit kattoliku, fi zwieg koncelebrat nhar it-2 ta' Mejju, 1987.

Illi listess esponenti skond digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 30 ta' Novembru 2005, u konfermat mill-Qorti tal-Appell fis-17 t'Ottubru, 2006 kien gie ddikjarat legalment separat minn ma martu (Dok. A).

Illi l-istess esponenti jixtieq li jipprevali mill-Artikli 66(a)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u jiddivorzja minn mal-istess martu.

Illi huwa kien u ghadu josserva dawk l-obbligi tieghu rigwardanti l-manteniment lil bintu K B u dan allavolja bintu m'ghadiex aktar minuri u llum ghandha 22 sena.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

Takkordalu li huwa jiddivorzja minn ma martu u dan a tenur tal-Artiklu 66(a)(b) tal-Kapitoli 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (1987) mil-liema zwieg huma kellhom zewgt ulied illum ilkoll maggorrenni;
2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza datata 30 ta' Novembru 2005 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Ottubru 2006;
3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
4. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni, r-rikorrenti ghandu jaghti lill-esponenti mitejn tlieta u tletin Ewro (€233) rapprezentanti manteniment, ghal binthom Kylie B li r-rikorrenti intrabat li jibqa' jhallas sa meta l-istess Kylie Bezzija tibqa tistudja fil-livell terzjarju u ssib impieg full-time, izda dan il-manteniment minkejja li llum il-gurnata qieghed jithallas b'mod regolari, ir-rikorrenti A B ghandu jhallas arretrati ta' l-gholi tal-hajja li ma hallas qatt;
5. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni li issana s-sentenza deciza bejn il-partijiet datata 30 ta' Novembru 2005 bejn il-partijiet datat 28 ta' Mejju 2007 skond il-proviso tal-klawsola numru 2 ta' l-istess kuntratt hemm dikjarat hekk, "Tali manteniment ghandu jibqa jinqata' direttament mill-paga tal-komparenti Ragel u ghandu jigi depozitat f'akkont bankarju intestata lill-komparenti Mara; inoltre tali manteniment ghandu jibqa' awmentat kull sena

skond l-indici tal-Gholi tal-Hajja." Illi din iz-zieda r-rikorrenti qatt ma hallasha, b'dan li ghalhekk ir-rikorrenti ghad baqghalu jhallas dawn l-arretrati lill-esponenti wkoll;
6. Illi ai termini ta' l-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talba ghad-divorzju kemm-il darba jekk it-talba ghal divorzju tintlaqa' tkun iktar difficli ghall-istess parti l-ohra li tikseb il-hlas ta' manteniment;
7. Illi r-rikorrenti AB u l-esponenti ghaddejin minn proceduri fit-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar fl-ismijiet CB vs CB Avviz numru 644/09 YMS differita ghat-3 ta' Dicembru 2012 biex ir-rikorrenti jhallas lilha somma rapprezenanti spejjez relatati ma studji u attivitajiet extra-kurrikulari ta' bint il-partijiet u dan kif ordnat ai termini ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta datata 20 ta' Novembru 2005 numru 752/02 RCP;
8. Illi ghalhekk jekk din il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ikun mehtieg li r-rikorrenti A B jaghti garanzija xierqa, li tiggarantixxi li l-esponenti tibqa' tircievi l-manteniment dovut lilha anke wara li jigi pronunzjat id-divorzju;
9. Illi ghalhekk jekk ir-rikorrenti ma jottemporax ruhu ma dak indikat hawn fuq rigward il-manteniment, il-partijiet ma jistghux ikunu qed jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib tal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini ta' l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Illi din il-Qorti hija umilment mitluba tevalwa is-sitwazzjoni u c-cirkostanzi kollha tal-kaz anke wara jekk ikun xieraq tisma' l-partijiet, biex tevalwa jekk ghandux jinghata d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet wara li tkun rat l-artikollu 66D(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Settembru, 2012;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat in-nota tal-intimata ipprezentata mill-avukat difensur taghha fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2013 li permezz taghha irtirat l-oggezzjoni taghha ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur u irtirat ghall-fini ta' dawn il-proceduri ir-raba, il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien u id-disa' eccezzjonijiet kontenuti fir-risposta taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom separati mis-17 ta' Ottubru 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------